SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12,
Tel : 21373111 Fax : 21373444
e-mail: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif. Nru. Minuti 40/K4/05**

## Ir-Raba' Laqgħa Pubblika 2005 – Paceville (Hamlet)

1.01 Il-Kunsill Lokali San Ġiljan żamm ir-raba' Laqgħa Pubblika – Paceville (Hamlet), skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2005.

1.02 Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mis-6.30 p.m – sat-7.40 p.m.

1.03 Preżenti: Erbgħa Kunsilliera flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ż-żewġ skrivani.

1.04 Assenti: Il-Kunsilliera Marcel Scicluna, Nicky Pillow u Irene Borg.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: disgħa (9)

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ta merħba lil dawk preżenti u ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 47A (8) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.07 Il-Kunsillier Robert Camenzuli bħala Chairman ta' Paceville Hamlet ippresieda l-laqgħa u ta rendikont fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena 2004/05 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2005/06 (kopja tar-rapport mehmuż).

## 2. Suġġerimenti / Ilmenti

2.01 Wara li nqara r-rapport tresqu dawn l-ilmenti / suġġerimenti:-

**<u>Suġġerimenti</u>**

Ġie ssuġerit li:

- jkun hemm aktar Pulizija f'Paceville fil-ħinijiet ta' filgħaxija meta jkun frekwentat minn ħafna nies.

- l-eloġju li nqara fil-ftuħ ta' Paceville jiġi ppublikat fuq il-magażin tal-Kunsill.

- jsir bus shelter fi Triq Dragonara quddiem dar nru. 2 u dar nru. 3.

- mal-bus shelters issir tabella bil-ħinijiet tal-karrozzi tal-linja.

**<u>Ilmenti</u>**

Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li:

- jiġi rranġat iċ-ċint li hemm fi Triq San Ġorġ ħdejn Palazzo Spinola.

- jiġi rranġat il-bus shelter li hemm fi Triq San Ġorġ.

- quddiem dar nru. 53 fi Triq Paceville, quddiem il-Millenium Chapel fi Triq il-Knisja u ħdejn il-Vivaldi Hotel fi Triq Dragonara hemm manholes li qed jagħmlu l-ħsejjes meta jgħaddu l-vetturi minn fuqhom.

- fi Triq Wilġa għad hemm ir-ramel ta' meta kien qed isir l-embellishment ta' Paceville.

- ssir mera' fi Triq tal-kappella ta' Santa Rita fejn tispiċċa n-niżla.

- qed jinħoloq inkonvenjent lir-residenti fi Triq Elia Zammit minħabba li l-barrier li titqiegħed filgħaxijiet, fl-aħħar tal-ġimgħa, qegħda tiġi mkaxkra minn xi nies.

**3.** Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku li attenda. Il-laqgħa ntemmet fit-7.40 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |